MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2011

Numru. 260/2010

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR THERESE SCIBERRAS**
**KONTRA**

**COLIN GALEA**
**VICTOR GALEA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Colin Galea ta' 19- il sena, bin Victor u Isabelle nee' Micallef, mwieled 5 ta' April 1991 Pieta', residenti 3B, Casa Isabella, Triq Dijonisju Famicelli, Msida u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 187991M;

U

Victor Galea ta' 45 sena, bin Joseph u Nicolina nee' Aquilina, mwieled 7 ta' Settembru 1965 Siggiewi, residenti no 69, Ta' Brija Road, Siggiewi u detentur tal- Karta tal-Identita' bin- numru 430665M;

Li gew mressqa quddiemha sabiex iwiegbu ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) f' dawn il- Gzejjer u cioe' Bugibba, San Pawl il- Bahar fil- lejl ta' bejn it- 18 u d- 19 ta' Marzu 2010 f' xi hin bejn l- 10.00pm u l- 4.00am volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobli u cioe' ghamlu xi hsara f' karozza tal- ghamla Opel Astra bin-numru tar- registrazzjoni RIZ 004 liema hsara tammonta ghal aktar minn €2330 u anqas minn €11650 ghad- dannu ta' Ronnie Mckay;

2) aktar talli fl- istess jum, hin, lok u cirkostanzi ikkagunaw griehi hfief fuq il- persuna ta' Ronnie Mckay liema griehi gew iccertifikati minn Dr. Joe Scicluna MD Reg no. 1777 tal- Mosta Health Centre;

3) u aktar talli fl- istess jum, hin, lok u cirkostanzi kisru l- bon ordni jew il- kwiet tal- pubbliku;

4) u aktar talli fl- istess jum, hin, lok u cirkostanzi qalu fil- pubbliku kliem oxxen jew indicenti;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali, datata 16 ta' Frar 2011, sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, fejn gew

indikati l-artikoli tal-ligi li tahthom kellhom jigu ezaminati r-reati in kwistjoni;

Rat illi l-imputati taw il-kunsens taghhom sabiex din il-kawza tibqa' tinstema' minn din il-Qorti u titmexxa sommarjament sakemm tigi hekk trattata u deciza skond il-ligi;

Rat illi l-imputati irregistraw ammissjoni fi stadju ta' provi difiza f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnhom wara li l-Qorti tathom zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidraw sew din l-ammissjoni, u wara li l-Qorti wissiethom bl-aktar mod solenni dwar il-konsegwenzi serji li ggib maghha din l-istess ammissjoni taghhom.

.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputati rregistraw ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom, u ghaldaqstant dawn jirrisultaw soddisfacentement ippruvati ghall-Qorti, minghajr il-htiega li jinstemghu l-provi tad-difiza f'dan l-istadju.

Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri kienu s-segwenti:

Fil-lejl ta' bejn it-18 u d-19 ta' Marzu, 2010, fi Triq il-Kahli, Qawra, sehh argument bejn l-imputati u certu Ronnie McKay. Waqt dan l-argument iz-zewg nahat gew fl-idejn, u per konsegwenza ta' dan McKay sofra griehi hfief fuq il-persuna tieghu, izda l-vettura proprjeta' tieghu sofriet hsarat konsiderevoli. Dawn jirrisultaw cari kemm mir-ritratti tal-vettura esebiti fl-atti, kif ukoll mill-istimi tal-hsarat ukoll hekk esebiti. Il-Qorti semghet il-provi kollha tal-Prosekuzzjoni, u ma hemm l-ebda dubju li kienu l-imputati li wettqu l-hsarat fuq il-vettura ta' McKay. Apparti li nstemghu x-xhieda kollha relevanti ghall-kaz, inkluz il-parti leza Ronnie McKay, gew esebiti wkoll l-istqarrijiet tal-imputati, ic-certifikati medici li wrew il-griehi sofferti minn

McKay, l-istima tal-hsarat li garrbet il-vettura tieghu, u diversi dokumenti ohra relatati.

Fil-mori tas-smigh tal-kawza, l-assikurazzjoni tal-parti leza lahqet ftehim u hallset l-ammont ta' sitt elef u hames mitt Ewro (€6,500) lil McKay, li min-naha tieghu ddikjara li ladarba huwa rcieva l-hlas, ma kellux aktar interess civili f'dawn il-proceduri kriminali kontra l-imputati. Madankollu, ir-reat kien sehh, u l-Qorti hi xorta tal-fehma li ghandu jkun hem mil-piena idoneja ghall-kaz. Ghalhekk, in vista tal-ammissjoni taghhom, il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tezamina l-provi prodotti – li fi kwalunkwe kaz ma kienu jhallu ebda dubju dwar il-htija tal-imputati – u tista' tghaddi ghalhekk ghas-sentenza. Il-Qorti sejra tkun miti mal-imputati in vista li sar il-hlas ghad-danni maghmula minnhom, u in vista li l-kwistjoni kollha kienet frott ta' incident li skala lil'hinn mill-proporzjon veru tieghu.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 325(1)(a), 214, 215, 221, 338(bb), u 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputati hatja u ghaldaqstant tikkundannahom erba' (4) xhur prigunerija sospizi ghal sena ai terminu tal- Artikolu 28A tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------